MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Numru. 946/2006

PULIZIJA
SPETTUR THERESE SCIBERRAS
VS
CARMELO K/A CHARLES BUGEJA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmelo k/a Charles Bugeja, ta’ 40 sena, imwieled fit-22 ta’ Dicembru 1965, f’Cospicua, bin Salvu u Giovanna nee’ Ebejer, u residenti f’The Village, Triq Sant’Antnin, Marsaskala, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 568965(M), u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar il-11 ta’ Novembru 2004, f’xi hin bejn is-sitta ta’ filghaxija (18.00hrs), u l-hdax u nofs ta’ filghaxija (23.30hrs), fil-Qawra, San Pawl il-Bahar, ikkaguna hsara volontarja f’vettura DAQ 686, ghad-detriment ta’ terzi persuni, liema hsara hija aktar minn hamsin Lira Maltin (Lm50), izda inqas minn hames mitt Lira Maltin (Lm500).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 3) u tal-imputat (a fol 5) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi l-kwerelant Reno Spiteri ddikjara li ma riedx li dawn il-proceduri jissoktaw, u ghaldaqstant, irrinunzja ghall-azzjoni kriminali kontra l-imputat.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tiddikjara dan il-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------